# KUNSILL LOKALI MTARFA

## IS-SITT LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL
## LAQGĦA NUMRU 26 – IL-ĦAMIS 9 TA' OTTUBRU 2014

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fit-7:40pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Daniel John Attard | Sindku |
| | Antoine Vella | Viċi Sindku |
| | Simon Paul Fenech | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud | Kunsillier (wasal fid-8:40pm) |
| | Helen Bugeja | Kunsillier |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |
| | Matthew Seychell | Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ (skużat) |

Kien hemm żewġ persuni jattendu.

Il-laqgħa bdiet billi s-Sindku mexxa talba għal ruħ l-eks Kunsillier Twanny Bugeja u awgura fejqan ta' malajr lis-Sindku tal-Imqabba. Fl-istess waqt huwa feraħ lis-Sinjura Helen Bugeja li għal darb'oħra kienet reġgħet qed tifforma parti mill-Kunsill Lokali tal-Imtarfa wara li ġiet *co-opted* fl-elezzjoni każwali li saret wara l-mewt tal-eks Kunsillier Twanny Bugeja.

### 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI NRU. 25

1.1 Il-minuti ntbagħtu minn qabel u għaldaqstant kienu meqjusa moqrija.

1.2 Fuq suġġeriment tal-Viċi Sindku kien hemm qbil li fl-aħħarnett ta' para. 3.1, għandha tiżdied din is-sentenza: Kulħadd qabel però kien hemm numru ta' punti li ma setgħux jistennew.

1.3 Il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

### 2. PUNTI MILL-MINUTI

2.1 Is-SE infurmat li kienet ikkonfermat mal-*electrician* tal-Kunsill li l-ħlas tal-ARMS li ġie approvat fil-laqgħa ta' qabel kien jinkludi d-dawl kemm tal-latrini kif ukoll għall-*floodlights* kollha li hemm fil-pjazza u l-parkeġġ biswit.

2.2 Is-SE infurmat li fir-rigward ta' para. 7, dwar il-kwotazzjoni pubblika għad-dekorazzjonijiet tal-Milied, kienu nħarġu l-avviżi fuq il-gazzetti. Għall-mistoqsija tagħha jekk għandhomx jiġu inklużi wkoll xi dwal mas-siġar tal-bandli kien hemm qbil li l-kuntratturi għandhom jingħataw opzjoni li jew joffru dekorazzjonijiet jew inkella dawl mas-siġar tal-bandli.

2.3 Hawnhekk is-SE infurmat li Malta Command kienu naqsu l-valur tal-kwotazzjoni tagħhom għal €1900 minn €2000 filwaqt li s-servizz tal-banda kien se jingħata għal €2500 minflok €3000.

## 3. KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1 Is-Sindku beda billi sellem lill-memorja ta' Twanny Bugeja u fl-istess waqt laqa' lill-Helen Bugeja lura fi ħdan il-Kunsill.

3.2 Hawnhekk huwa propona li jkun hemm reviżjoni tal-karigi tal-Kunsilliera, għalkemm għal darb'oħra reġa' ġibed l-attenzjoni u fakkar li dawn għandhom iservu biss ta' gwida u li r-responsabbiltà ta' kull kunsillier kienet waħda ħolistika u mhux biss marbuta mal-kariga tiegħu/tagħha. Il-Kunsill qabel mal-karigi l-ġodda hekk kif proposti. Kopja ta' dawn il-karigi hija mehmuża.

3.3 Is-Sindku ta l-aħħar dettalji dwar il-proġett tal-bosk wara li kienu saru numru ta' laqgħat bejn ir-rappreżentant tal-Kunsill (is-SE), rappreżentanza tal-MAGF kif ukoll oħrajn mill-Managing Authority u l-Paying Agency. Huwa informa li issa l-Kunsill qiegħed f'pożizzjoni li jkun jista' jibda l-proġett f'qasir żmien kemm-il darba ma jkunx hemm appelli minn kuntratturi li ma ġewx aċċettati. Huwa informa wkoll li l-Kunsill għadu qed jitlob li jingħata l-ammont ta' madwar €75,000 biex ikompli lots 5 u 6 tal-proġett.

3.4 Fuq proposta tas-Sindku kien hemm qbil li l-Kunsill jagħmel nefqa ta' €150 għal numru ta' vetturi tal-militar għal waqt l-attività ta' Military Mtarfa.

3.5 Il-Kunsill ma qabilx ma' proposta tas-Sindku li jitneħħew l-iskips ta' ħdejn l-Iskola Sekondarja u ta' Triq Dar il-Kaptan, kemm dawk tar-riċiklaġġ kif ukoll il-ħodor tal-iskart domestiku. Ir-raġuni kienet li dawn qed jispiċċaw mira għal persuni irresponsabbli u qed jispiċċaw qishom miżbla żgħira b'mod regolari. Min-naħa l-oħra kien hemm qbil li minn wara Military Mtarfa, il-ġbir tal-iskart riċiklat se jibda jsir fuq bażi ta' darbtejn fil-ġimgħa u għaldaqstant il-Kunsill għandu jara jekk is-sitwazzjoni marritx għall-aħjar. Barra minn hekk, inġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill għandu dejjem jara l-obbligi kontrattwali qabel ma jittieħdu deċiżjonijiet simili.

3.6 Fuq suġġeriment tas-Sindku u wara talba li saritlu mill-Perit tal-Kunsill, kien hemm qbil unanimu li għandu jsir *survey* tal-pjazza sabiex jgħin fil-kumpilazzjoni tal-pjanta għall-proġett li jirrigwardja l-istess pjazza u ż-żona tal-madwar.

3.7 Is-Sindku informa li l-Korporazzjoni Enemalta ma kinitx aċċettat it-talba tal-Kunsill li jitqabbad id-dawl tal-passaġġ pubbliku li hemm bejn Binja Msieraħ mal-i*street lighting*.

3.8 Hawnhekk daħal il-Kunsillier Mifsud. Il-ħin kien 8:40pm.

3.9 Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jitlob lill-Enemalta sabiex jagħmel din id-dikjarazzjoni bil-miktub sabiex tintbagħat lir-residenti ta' Binja Msieraħ. Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Bugeja, kien hemm qbil ukoll li l-Kunsill għandu japplika għal meter tad-dawl għal din iż-żona sabiex id-dawl jitqabbad miegħu iżda li l-konsum għandu jinqasam bejn l-istess residenti.

## 4. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

4.1 Il-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuża, ġiet approvata u ffirmata.

4.2 Is-SE preżentat rapport tad-dħulijiet għax-xahar ta' Settembru 2014.

## 5. Approvazzjoni ta' bozza fi Triq is-27 ta' April

5.1 Kien hemm qbil fil-prinċipju li din għandha ssir. Min-naħa l-oħra s-SE kellha ġġib kwotazzjoni u terġa' tirreferiha lill-Kunsill.

## 6. Aġġudikazzjoni tal-offerta tal-knis

6.1 Il-Kunsill qabel li jiġi ffurmat sottokumitat biex jevalwa l-offerti flimkien mas-SE qabel ma jsiru l-intervisti. Dan is-sottokumitat se jkun magħmul mill-Viċi Sindku u l-Kunsillier Fenech.

6.2 Kien hemm qbil ukoll li s-SE għandha ġġib il-parir tal-avukat dwar il-kwistjoni tal-prekarjat tal-ħaddiema.

## 7. Military Mtarfa

7.1 Is-SE infurmat li kienet għaddiet kopja tal-programm draft lil kull Kunsillier. Hija infurmat ukoll li aktar kmieni dakinhar kienet ittellgħet il-billboard dwar l-attività ġewwa l-Marsa u matul dik il-ġimgħa kienu bdew numru ta' radio spots fuq Bay radio u fuq il-One. Dawn kienu ntagħżlu minħabba li kienu l-aktar żewġ stazzjonijiet bl-ikbar numru ta' semmiegħa u kien se jintefaq l-istess ammont ta' flus bejniethom. Kien hemm qbil li ghandhom jitpoġġew xi fjakkoli fuq l-isptar u li possibbilment għandhom isiru mill-ħaddiema tal-Kunsill.

## 8. Punti ohra

8.1 Is-SE infurmat li wieħed mill-kuntratturi li kien tefa' l-offerta tiegħu għall-kuntratt tal-*bulky refuse* kien talab li jara l-*log book* tal-kuntrattur li ntagħżel. Kien hemm qbil li ladarba ż-żmien tal-appell kien għadda b'madwar xahar u nofs u s-SE kienet qed tikkonferma li d-dettalji fuq il-*log book* huma korretti, il-Kunsill ma jħossx il-ħtieġa u fuq kollox ma jemminx li kellu dritta li jiġi muri l-imsemmi *log book*.

8.2 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Fenech dwar il-funtani kien hemm qbil li s-SE għandha tifformula speċifikazzjonijiet biex tinħareġ sejħa għal kwotazzjoni pubblika għall-manutenzjoni tal-funtani u installazzjoni ta' pompi.

8.3 Fuq talba tal-Viċi Sindku kien hemm qbil li għandha titpoġġa mera fi Triq San David faċċata ta' Triq l-Anzjani.

8.4 Fuq suġġeriment tal-Viċi Sindku s-SE għandha tara l-possibbiltà li jsir *gutter* viċin tat-*traffic lights* fi Triq l-Imtarfa, faċċata tal-iskola Sekondarja, sabiex itaffi ftit mill-ilma tax-xita u jwaddab l-ilma lejn Triq l-Istazzjon.

## 9. Aġġornament

9.1 Il-laqgħa spiċċat fid-9:35pm. Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar it-Tlieta 11 ta' Novembru fis-7:30pm.

_______________________ _______________________

**Josette Micallef**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Daniel John Attard**
**Sindku**